**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 29 ta' Mejju 2016**

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Essam A. Hamad Elkershine**
**(Passaport Libjan NRK4G4YG)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Essam A. Hamad Elkershine** talli fit-28 ta' Mejju 2016 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer jew fi bnadi ohra, iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'dokument jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument li hu kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih, u cioe` kellu fil-pussess tieghu permess ta' residenza Ingliza falza (Kap 61, Art 5 tal-Ligijiet ta' Malta);

Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmi, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (Kap 9, Art. 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula

skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Art 32(1d) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Madankollu l-Qorti tqis illi t-tielet imputazzjoni u cioe li l-imputat iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att Dwar l-Immigrazzjoni ma tirrizulta bl-ebda mod. Ghaldaqstant, minkejja l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti mhux se ssib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni.

Illi ai fini ta' piena l-Qorti evalwat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wkoll hadet in konsiderazzjoni dak sottomess mill-Ufficjal Prosekutur u cioe` li l-imputat wasal hawn Malta b'dokumenti foloz u kellu biljett tal-ajru biex jibqa' sejjer Edinburgh. Jirrizulta illi meta nqabad mill-ufficjali tal-ajruport b'dokumenti foloz huwa ghamel talba ghall-azil gewwa Malta. Il-Prosekuzzjoni talbet li jkun hemm piena ta' habs effettiv sabiex din tkun ta' deterrent lil dawk il-persuni li jippruvaw jidhlu Malta b'mod illegali. Min-naha l-ohra id-difiza ssottomettiet li l-imputat ghandu jinghata sentenza sospiza.

Il-Qorti hija tal-opinjoni li r-reati mwettqa mill-imputat huma ta' natura serja u li jista' jkollhom effetti iktar wiesa fl-ambitu nazzjonali u internazzjonali. Ghaldaqstant, il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ghandu jkun hemm piena ta' prigunerija effettiva, anke jekk din se tigi imposta lejn il-minimu taghha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijet ta' Malta u artikolu 9 tal-Kapitolu 189 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Essam A. Hamad Elkershine** hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena komplessiva ta' tmien (8) xhur prigunerija, filwaqt li tiddikjarah mhux hati tat-tielet imputazzjoni stante li din ma tirrizultax.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur